MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Talba Numru. 1605/2002

***Bupa Agencies Limited f'isimha proprju u bhala agent u ghan-nom ta' BUPA Insurance Limited u British American Insurance Co (M'tius) Limited***

***vs***

***SJI Clothing Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici proprio et. nomine s-somma ta' elf tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm1368) rappresentanti premia dovuta ghall-perijodu mill-1 ta' April 2000 sal-31 ta' Marzu 2001 fuq polza ta' assikurazzjoni *Bulk Protection Group* No.33/B012.
Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Lilian Marsh ghan-nom tas-socjeta' attrici proprio et nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici proprio et. nomine s-somma ta' elf tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm1368) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------